# TRIBUNAL INDUSTRIJALI TA' MALTA

## Decizjoni Nru 23/78

Fil-kwistjoni tax-xoghol
bejn
Is-Sur Paul Montebello
u
Id-Ditta Jodic Ltd
ta' Kordin Industrial Estate,
Paola.

Chairman: C.J. Mallia.

Data: 17 ta' Awissu, 1978.

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita lil dan it-Tribunal fit-2 ta' Lulju, 1978, taht id-disposizzjonijiet tal-artikolu 28 (2) tal-Att Nru. XXX ta' l-1976, permezz ta' ittra iffirmata mill-Ministru tax-Xoghol, Ghajnuna Socjali u Kultura. Ma jidhirx li, qabel it-Tribunal, sar ebda tentativ biex isir ftehim jew konciljazzjoni. Il-fatt li mill-ewwel kien allegat element mediku fit-temm ta' dan l-impieg donnu inibixxa kull tentativ li xieraq isir biex jekk jista jkun jinstab ftehim.

2. Il-partijiet

Il-kaz instema' f'erba seduti. L-appellant is-Sur Paul Montebello kien assistit mis-Sur Alfred Pullicino, President tal-Jodic Ltd. Employees Union, li hija l-Union rapprezentativa ta' l-impjegati ta' din id-ditta. Id-ditta Jodic Ltd. kienet rapprezentata minn Mrs. A. Vella, Personnel and Administrative Manager, assistita mis-Sur C.L. Farrugia, M.Sc. (Econ.) Lond., B.Sc., A.C.W.A., A.G.I.S., F.C.C.S., A.M.I.A., general manager ta' l-istess ditta.

3. Il-kaz

Il-fatti tal-kaz, fil-qosor, kienu dawn. Is-Sur Paul Montebello kien gie impjegat ma' Jodic Ltd., fid-9 ta' Frar, 1977, bhala trainee Machine Operator, biex jahdem fuq id-djamanti, 'on probation' ghal sitt xhur. Ftit izjed minn sena wara, fis-7 ta' April, 1978, l-impieg tieghu gie mtemm permezz ta' ittra tad-ditta, li kienet tghidlu li, "issa li ghandna certifikat mediku fuqek, ...... l-istat fiziku tieghek

/........

prezenti sejkun kroniku u ma jippermettilikx li tista' tahdem go fabbrika tad-djamanti". Intuzaw ukoll il-kliem: "M'intix fizikament u medikament 'suitable' ghat-tip ta' xoghol taghna."

4. Xhieda

Is-Sur Paul Montebello u s-Sur C.L. Farrugia xehdu taht gurament dwar il-posizzjonijiet rispettivi taghhom. Xehdu ukoll: Mr. Vincent Gatt (Production Manager, Jodic, ghal dawn l-ahhar sentejn u nofs), Mr. A. Pandolfino (li kien ukoll Production Manager mal-Jodic sal-1977), Mr. William Tonna (Diamond Polisher mal-Jodic ghal aktar minn sentejn), L-Onor. Dr. J. Muscat, M.D., M.P. (Tabib privat ta' Mr. Montebello), u Dr. Edward De Gabriele, M.D., M.R.C.G.P. (Lond.) (Tabib tad-Ditta Jodic). Ta' zewg tobba ohra kien hemm l-opinjoni miktuba. Dawn kienu l-Onor. Dr. Vincent Tabone, M.D., F.R.C.S. (Edin.), D.O. (Oxon.), D.O.M.S. (Lond.), D.M.J. (S.A. Lond.), Specjalist ta' l-Ghajnejn, u Dr. J.Pace Balzan, M.D., F.R.C.S., Specjalist ta' l-E.N.T. (Ear, Nose and Throat). Hekk, barra mix-xhieda ta' esperti fis-sengha tad-djamanti u ta' ohrajn, it-Tribunal kellu l-opinjoni ta' erba' tobba.

5. Opininjonijiet medici

Dawn l-erba opinjonijiet medici kienu hekk:

(1) L-Onor. Dr. J. Muscat ghamel dijanjosi ta' sinusite, u din kompla jikkonfermaha meta ta lil pazjent treatment ghaliha (mistrich, inhalations, injections u nose drops) u dan irrisponda "very well and all his symptoms subsided. Dan huwa kliem l-Onor. Dr. Muscat f'ittra li kiteb lil Dr. DeGabriele fil-11 ta' April, 1978.

(2) L-Onor. Dr. V. Tabone ezamina lil Mr. Paul Montebello ghal ghajnejh u sab hekk:"There is no error of refraction and there is no illness or condition of his eyes which precludes him from doing any work" (dan f'certifikat datat 12 ta' April, 1978).

(3) Dr. J. Pace Balzan qal li Mr. Paul Montebello "suffers from migraineous headaches, controllable with appropriate treatment, and is fit for work "(certifikat tat-12 ta' April,

/.......

1978). Huwa kiteb ukoll lit-tabib tal-Jodic, Dr. Edward DeGabriele, fejn qallu li Mr. Montebello kellu "episodic migraineous neuralgia", li hu kien tah xi pilloli, u li kien qallu biex jistrih meta jhoss attakk gej. Talbu ukoll biex ifihem dan lill-Factory Supervisor. Il-Managing Director tal-Jodic qal li c-certifikat ta' Dr. Pace Balzan qabel kellu l-kelma "otherwise" qabel il-kliem "fit for work". Dan jidher li hu veru, u l-kelma "otherwise" ghadha tidher imhassra fuq ic-certifikat. Fil-fehma tat-Tribunal, din il-kelma ma tbiddilx is-sustanza tac-certifikat, l-ewwel nett ghax imhassra, u t-tieni ghaliex anke kieku thalliet il-pazjent kien ikun "fit for work" basta jaghmel l-"appropriate treatment".

(4) Dr. E. De Gabriele xehed li hu kien ghadda lil Mr. Montebello bhala 'fit' meta gie biex jimpjega ruhu. F'certifikat li Dr. DeGabriele iffirma fis-7 ta' April, 1978, ma jidher li hu ghamel xejn 'di proprio' imma aktarx qaghad fuq x'qal haddiehor. Li l-pazjent kien "subject to episodic migraineous neuralgia" kien minn kliem Dr. Pace Balzan. Illi "attacks are precipitated by the use of a lens" huwa "according to patient". Fuq dawn iz-zewg elementi, li ma jidhrux li gew mistharrga bizzejjed personalment, Dr DeGabriele ibbaza l-parir illi "in my opinion, patient should seek alternative employment, as it is not conceivable for a person to work in a diamond processing factory without ever using a lens". Dr. DeGabriele xehed li hu la kellu sede fil-fabbrika u anqas jattendi fil-fabbrika, imma n-nies kienu jmorru ghandu. It-tabib DeGabriele qal ukoll lu hu, fejn impjegat kien ibati fuq ix-xoghol, kien jirrakmanda "alternative employment" fl-interess ta' l-impjegat stess. Din hija haga lodevoli. Imma min jirrakmandaha jrid ikun sgur li dan l-alternative employment ser jinstab, ghax, jekk dan il-parir ser ifisser biss tkeccija, allura mhu karita' xejn.

6. <u>Opinjonijiet diversi</u>

Wiehed kien jistenna li kaz li inghad li ghandu elementi medici biss, bejn erba tobba kellu jigi solvut. Imma hawn l-erba tobba fil-fatt qieshom isiru tnejn biss. L-Onor. Dr. Tabone ezamina l-ghajnejn biss, fil-waqt li Dr DeGabriele

/.......

ma tax opinjoni bazata fuq ezami li ghamel hu stess. Jibqa ghalhekk l-Onor. Dr. Muscat u Dr. Pace Balzan. Ta' l-ewwel iddijagnostika sinusite, filwaqt li tat-tieni qal li l-appellant kellu "episodic migraineous neuralgia". Hawn ta' min josserva li Dr. Muscat, li huwa general practitioner, sab kondizzjoni (sinusite) li taqa fil-kamp tal-E.N.T., filwaqt li Dr. Pace Balzan, li huwa specjalist tal-E.N.T., sab ħaga li ma taqax fl-ispecjalita' tiegħu. Għalhekk mhux tenibbli t-tesi, li certu ħin issuggeriet id-ditta, li għanda tipprevali l-opinjoni ta' l-ispecjalist, għax dan ta opinjoni li ma taqax taħt l-ispecjalizzjoni tiegħu. B'hekk iz-zewg opinjonijiet isiru opinjonijiet ta' zewg tobba, u, billi ma jaqblux, il-layman ma jistax ħlief jgħid li "one opinion is as good as the other".

7. Principju

Id-ditta Jodic, per ezz ta' l-esponent kapaci tagħha, s-Sur C.L. Farrugia, għamlet emfasi fuq good management u efficjenza. Infatti f'aktar minn ħin wieħed is-Sur Farrugia tkellem għan-nom ta' l-industrija kollha maltija, u pogga dak li hu sejjaħlu principju mportanti ferm, li huwa jekk l-employer malti kellux id-dritt li, f'materji ta' saħħa li jaqgħu fil-kamp tal-general practitioner, huwa jibbaza ruħu fuq it-tabib tal-fabbrika biss. Dan huwa principju ammissibbli sa certu pont. Fil-kaz li għandna quddienna, it-tabib tal-fabbrika wera li hu ma kellu ebda dijanjosi li kienet tiegħu personalment. Għalhekk, il-kwistjoni jekk l-employer jistgħax joqgħod fuqu biss anqas biss tqum.

8. Benefit of doubt

Fis-sitwazzjoni deskritta fil-paragrafu 6 hawn fuq, fejn kien hemm zewg opinjonijiet medici diversi, ditta li tiftaħar bil-precizjoni tagħha (u intqal li f'ħafna aspetti ta' din id-ditta dan huwa veru) kellha d-dover preciz li tati "the benefit of the doubt." Dan jidher li ħassitu d-ditta stess, għaliex meta l-kaz kien sviluppa quddiem it-Tribunal u wasal fl-aħħar fazi tiegħu, hija semmiet ħwejjeg dwar il-karattru u l-onesta' ta' l-appellant li ma kienux issemmew qabel u li ma kellhom ebda sehem fir-raguni mogħtija għat-tkeccija.

/........

/.......

9. Għaggla

Id-difiza tal-appellant allegat aktar minn darba li d-ditta kellha għaggla wisq biex tieħu l-pass estrem ta' tkeccija. Intqal għan-nom tas-Sur Montebello, fost ħwejjeg oħra, li l-istess ittra ta' temm ta' impieg inħarget bil-għaggla fil-5 ta' April, 1978, u ssemmi certifikat mediku li ma giex maħrug qabel jumejn wara (7 ta' April, 1978). Għal dan il-Jodic irrispondiet li dak li kien qed jinħaseb li kien għaggla ma kienx ħlief parti mill-efficjenza generali tad-ditta, li kollox kienet teħles malajr. It-Tribunal japprezza l-gwaj li jigi mill-prokrastinazzjoni, u ma jistax ma jfaħħarx l-efficjenza u l-prontezza fit-tmexxija ta' kull industrija. Imma l-istess ma jistax ma josservax li jezistu sitwazzjonijiet fejn il-prudenza għanda tgħeleb lill-għaggla. Kull tant, fools rush in where angels fear to tread. Dan ma jfissirx li wieħed għandu jdum il-gimgħat jaħsibha f'dawn ic-certi kazi. Ifisser biss li wieħed jorqod fuqha, anke aktar minn darba skond il-kaz, u jaqtagħha bil-kalma u bil-gustizzja. It-Tribunal ilu jgħid ripetutament kemm hi ħaga gravi t-tkeccija ta' ħaddiem, u għalhekk ma jistax isib favur min ikecci bil-għaggla, mingħajr raguni soda (sija jekk tkun medika jew le), u mingħajr twissijiet xierqa u ppruvati. L-impieg illum għandu natura kontrattwali, u għalhekk sagra. Ħadd ma jista' jittratta l-impieg ħafif. Għadda ħafna zmien mill-1946, meta Clement Attlee fakkar lid-dock workers inglizi li l-Gvern tiegħu kien neħħielhom "the bogey of casual employment," u l-lum dak il- "bogey" ma għandux jezisti.

10. Uzu tal-lenti Gie diskuss ħafna l-uzu tal-lenti f'din l-industrija tad-djamanti. Gew murija djamanti li jinħadmu, u li kienu zgħar ferm. Intqal li il-makni imsejjħin "GRETANGS" huma semi-automatic. Opinjoni oħra, migjuba ukoll bħala esperta, sejħitilhom fully automatic. Min qal li l-lenti fuq il "GRETANGS" tintuza dejjem u min qal li l-feeder juza l-lenti ftit ferm. Barra minn hekk, medikament ma giex stabbilit li l-lenti lil Mr. Montebello kienet tagħmillu ugieħ ta' ras li jwaqqfu mix-xogħol. Ix-xhud William Tonna qal li poggewh fuq il-"GRETANGS" għal xi tlett xhur għax kien wegga għajnu u f'dak iz-zmien ma wezax lenti.

/......

11. Konkluzjonijiet

Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal hawn fuq, it-Tribunal isib li din it-tkeccija saret

(a) bil-ghaggla, minghajr dik ir-riflessjoni li titlob il-gravita' tal-att;

(b) minghajr gustifikazzjoni medika, meta kien hemm opinjonijiet diversi (ara para. 6 hawn fuq);

(c) minghajr ma sar ebda sforz biex, anke temporanjament, jinstab xoghol iehor ghal l-appellant; u

(d) minghajr aktar minn twissija wahda bil-miktub, haga li ghanda ssir anke f'kaz gust mediku.

12. Precedent.

It-Tribunal jixtieq isemmi li, fis-servizz pubbliku ta' Malta, kienet giet michuda "pensionability" lil wiehed impjegat ghax dan kellu "heart condition". Hadd ma ddubita l-opinjoni (plurali) medika. Izda, wara 23 sena li dan l-impjegat baqa jahdem bla ma jfalli, u kien jitla hafna tarag kull jum, il-"pensionability" kellha tigi koncessa, ghaliex, filwaqt li t-tobba kellhom ragun, iz-zmien kellu ragun izjed. Iz-zmien kien ta prova li kienet aqwa mill-opinjoni medika.

Fil-kaz prezenti wkoll, fejn imbaghad l-opinjoni medika ma qablitx, jista johrog biz-zmien li dan il-haddiem xejn mhu prekluz milli jaghmel dan ix-xoghol.

13. AWARD

It-Tribunal mela isib favur l-appellant Mr. Paul Montebello, u jordna lid-ditta Jodic Ltd. terga tiehdu lura fl-impieg, b'paga mhux inqas milli kellu, b'effett minn nhar it-Tnejn, 21 ta' Awissu, 1978. Dan isir bil-patt li, f'mhux inqas minn sena, igifieri mhux qabel is-17 ta' Awissu, 1979, Jodic Ltd. tkun tista' terga' tigi quddiem dan it-Tribunal jekk ikollha raguni valida li ghaliha ma tistax izzomm lil Mr. Paul Montebello. Dan minghajr pregudizzju ghal xi agir iehor, jew kawza gdida, li jistghu jiggustifikaw li jintemm dan l-impieg qabel.

14. Paga
Ghaz-zmien kollu li ilu mwaqqaf mix-xoghol, is-Sur Paul Montebello ghandu jithallas minn Jodic Ltd. il-paga kollha tieghu shieha, bl-inghax maghruf fuq is-somma dovuta.

(C.J. Mallia)
Chairman

(S. Grech)
Segretarju

17 ta' Awissu, 1978.

fp